28 ta' Frar, 1946.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Antonio Abela *versus* Giuseppe Fenech

## Promessa ta' Bejgħ — Leżjoni — Ġudikat — Art. 1270 (1) tal-Kodiċi Ċivili.

*Ix-xerrej jista' jqajjem il-kwistjoni tal-leżjoni f'kawża fejn jiġi azzjonat biex jeżegwixxi l-obbligazzjoni li jkun assuma li jixtri l-fond, u mhux meħtieġ illi l-ewwel jixtri l-fond u mbagħad jiġi bl-azzjoni ta' rexissjoni tal-kuntratt minħabba leżjoni; għaliex raġunijiet simili jiġġustifikaw lix-xerrej li ma jaddivjenix għall-kuntratt tax-xiri.*

*Għalhekk, dak ix-xerrej li ġie kundannat b'sentenza li saret ġudikat biex jaddivjeni għall-kuntratt tax-xiri ma jistax wara l-kuntratt jinnewtralizza dak il-ġudikat billi jiġi 'l-quddiem u jitlob ir-rexissjoni in bażi għal dawk l-istess raġunijiet li kienu setgħu jġib f'kawża ta' qabel u ma opponihomx.*

*Kontra l-ġudikat ma jistgħux jinġiebu deduzzjonijiet li jmisshom inġiebu, u setgħu jinġiebu, fil-kawża irrevokabilment definita.*

*Huwa veru li biex jista' jiġi invokat il-ġudikat hemm bżonn l-identità ta' l-oġġett, imma din l-identità ma hemmx bżonn tkun assoluta; basta ikun hemm l-identità fuq il-punt kontroverż, jew l-oġġett tat-tieni ċitazzjoni jidħol bħala parti integrali ta' l-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni.*

**Il-Qorti** — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta illi b'kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut tat-30 ta' Mejju 1945 il-konvenut biegħ u ittrasferixxa lill-attur, bil-prezz ta' £180, l-immobili totalment distrutt li jinsab Każal Żabbar, Strada Reale, Sqaq Madonna tal-Mirakli, numri 2 u 3, soġġett għall-pagament ta' £1 fis-sena piż perpetwu ta' quddies; u illi dan il-bejgħ huwa affett minn leżjoni għaliex il-valur ta' l-istess fond huwa ta' inqas minn nofs il-prezz fuq indikat; u talab li jiġi riżolut il-bejgħ ta' l-istess fond magħmul mill-konvenut lilu bil-kuntratt fuq imsemmi, tal-fond fuq indikat, a kawża ta' leżjoni fil-prezz. Salva kwalunkwe azzjoni oħra ta' l-instant għad-danni u interessi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi biċ-ċitazzjoni numru 550 ta' l-1945 il-konvenut—allura attur—kien talab kontra l-attur odjern—allura konvenut—il-kundanna ta' dan biex jaddivjeni għall-att ta' l-akkwist talpost imsemmi f'din iċ-ċitazzjoni. Il-konvenut f'dik il-kawża (l-attur f'din) oppona illi fil-kirografu ma ġewx deskritti l-komoditajiet tal-fond distrutt hemm imsemmi, u li l-verifiki talpedament ma jirriżultawx li dawn kienu jikkomprendu l-komoditajiet imsemmijin fit-trattativi, u li għalhekk l-oġġett tal-kuntratt ma kienx determinat. B'sentenza tagħha tat-23 ta' Frar 1945 din il-Qorti laqgħet it-talba u kkundannat lill-konvenut ta' allura (l-attur tal-lum) li jaddivjeni għall-att tat-trasferiment. Is-sentenza ta' din il-Qorti ġiet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza tagħha tal-21 ta' Mejju 1945. Insegwitu sar l-att tat-trasferiment in forza tas-sentenza bil-ministeru tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut fit-30 ta' Mejju 1945 (ara kopja eżibita fl-inkartament). F'dan l-att l-attur odjern ma deherx, u ġie rappreżentat mill-kuratur nominat bis-sentenza;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-punt importanti li għandu jiġi investit "ante omnia" hu jekk l-attur odjern jistax, biċ-ċitazzjoni tal-lum, jirrendi ineffikaċi sentenza li għaddiet ġudikat, u li biha hu ġie kundannat jixtri l-fond "de quo", mentri hu risaput illi s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tat-Tieni Istanza u dawk mogħtija mill-Qrati ta' l-Ewwel Istanza li saru ġudikat, jistgħu jiġu biss impunjati bir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, u biss fil-każijiet tassativament stabbiliti. Ma hemmx dubju illi, kieku tiġi akkolta l-istanza ta' l-attur, dan ifisser illi ssir ineffikaċi l-kundanna tiegħu ġa subita b'ġudikat;

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-kawża l-oħra l-attur odjern ma kienx issolleva in linja ta' eċċezzjoni l-kwistjoni tal-leżjoni. Ma hux però eżatt li wieħed jgħid illi din il-kwistjoni seta' jissollevaha biss wara l-kuntratt, u mhux bħala deduzzjoni defensjonali kontra l-eżekuzzjoni koerċitiva, mitluba kontra tiegħu, ta' l-att tal-konvenju. Infatti ġie deċiż, f'materja analoga, illi raġunijiet simili jiġġustifikaw lix-xerrej desinjat li ma jaddivjenix għall-promessa (ara sentenza Appell "Vassallo vs. Galea Testaferrata", 13 ta' Mejju 1927, Vol. XXVI, P. I, pag. 792-801, li fiha hemm ċitati diversi sentenzi oħra). Del resto, id-dritt li jiddeduċi l-leżjoni bħala raġuni biex ma jagħmilx l-att kien jiġi għall-konvenut ta' allura (l-attur tal-lum) anki mill-art. 1270 (1) Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta;

Illi għalhekk l-attur odjern seta' f'dik il-kawża, fejn kien qiegħed jiġi mitlub li hu jiġi kundannat jixtri l-fond, jopponi r-raġuni stess li l-lum qiegħed jġib 'il quddiem bħala attur a bażi tar-rexissjoni minnu mitluba li, kieku akkolta, tinnewtralizza s-sentenza li saret ġudikat;

Illi hu prinċipju illi kontra l-ġudikat ma jistgħux jinġiebu 'l quddiem deduzzjonijiet li jmisshom inġiebu, u setgħu jinġiebu, fil-kawża irrevokabilment definita. "Contro la cosa giudicata non possono opporsi eccezioni che avrebbero dovuto elevarsi nel giudizio di merito con essa irretrattabilmente definito" — "Di fronte all'autorità della cosa giudicata non è lecito riaprire la controversia fra le stesse parti e sul medesimo oggetto, nemmeno con eccezioni che non fossero state proposte ed esaminate nel precedente giudizio" — "La cosa giudicata osta che si sollevino questioni nuove assorbite dal giudicato diven-

tato irrevocabile" — "L'autorità di cosa giudicata è costituita sia per le eccezioni proposte, sia per quelle non proposte, e che sarebbero state *proprie di quella sede* del giudizio ove emanò la sentenza passata in cosa giudicata" (Rep. Coen, Voce Cosa Giudicata (materia civile), paragrafi 319, 321, 322, 332);

*Illi hu importanti li wiehed jinnota* illi l-motiv dedott mill-attur f'din l-istanza kien "jeżisti diġà meta kienet qiegħda ssir il-kawża l-oħra, u ma ġiex minn xi fatt posterjuri għall-ġudikat;

Illi fil-ġurisprudenza lokali ġie *ritenut*, u bir-raġun, illi "quantunque tra gli estremi della cosa giudicata si annoveri l'identità dell'ogetto, pure tale identità non è uopo che sia assoluta, e potrebbe *farsi luogo* all'eccezione del giudicato anche quando l'oggetto dedotto in lite, quantunque distinto da quello della lite precedente, formasse con quello un sol tutto, purchè però il punto *controverso* sia identico" (Appell Inferjuri "Camilleri vs. Pace", 31 ta' Mejju 1911, Imħallef Dr. Giovanni Pullicino"). Issa tant fil-kawża ta' qabel kemm f'din, il-pont kien u hu jekk ix-xerrej tal-post għandux ikun l-attur odjern; dak hu, u kien, fiż-żewġ kawżi l-veru meritu; ma hemmx bżonn jiġi osservat li xejn ma għandu x'jaqsam li l-pożizzjoni ta' l-attur u konvenut hija *nvertita* (ara Prim'Awla "Pace vs. Balzan", 17 ta' Jannar 1898, Imħallef Dr. P. Debono);

Illi ġie anki ritenut fil-ġurisprudenza lokali illi, għall-*fini*-*ger tal-ġudikat*, hemm ir-rekwiżit ta' l-identità ta' l-oġġett anki meta l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jidħol bħala parti integranti ta' l-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni (Prim'Awla, "Navarra Muscat vs. Borello", 11 ta' Novembru 1896, Imħallef Dr. Giovanni Pullicino). F'dan il-każ ir-rexissjoni, tendenti li teħles lill-attur milli jkun xerrej tal-fond, hi kompriża fil-kwistjoni nvoluta fit-talba għall-kundanna tiegħu li jixtri l-oġġett ta' l-ewwel ċitazzjoni irrevokabilment definita;

Illi kieku wiehed jasal għall-konklużjoni illi l-ġudikat jista', minbarra bir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, jiġi magħmul ineffikaċi b'eċċezzjonijiet godda, bażati fuq fatti li ġà kienu jeżistu, allura l-prinċipju ta' l-istabilità tal-ġudikat jiġi serjament kompromess. Hekk, per eżempju, f'kawża fejn ġie kanonizzat kreditu b'sentenza li saret "res judicata", id-debitur jista' jittanta jinnewtralizza l-ġudikat billi jiddeduċi, f'kawża posterjuri, illi l-kawża tad-debitu kienet illeċita, —

eċċezzjoni li kienet messa, u seta' ġieb, fil-kawża ta' l-ewwel. Għie għalhekk korrettament ritenut fil-ġurisprudenza estera illi "dopo che con sentenza passata in giudicato fu accertato il debito di una somma determinata, e fu pronunciata la condanna al pagamento, non può più sostenersi che il debito derivi *da cessione di rendita pubblica a prezzo superiore al valor di* borsa e debba quindi ridursi a somma minore attesa l'usura palliata *di cui sarebbe infetto*" (Coen, loc. cit., para. 121);

Illi għalhekk l-attur odjern ma jistax il-lum jipparalizza l-effetti tas-sentenza li kkundannatu li jixtri l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, b'eċċezzjoni—issa dedotta in linea ta' azzjoni—li seta' u kien imissu ssolleva fil-kawża ta' l-ewwel, u mhux issa "post rem judicatam";

Illi ġaladarba f'din il-kawża l-istess partijiet għamlu riferenza għall-kawża ta' qabel, hu leċitu għall-Qorti li tieħu konjizzjoni ta' l-effetti tal-ġudikat, anzi hu dmir preċiż tagħha (Prim'Awla, "Micallef utrinque", 21 ta' Marzu 1923, Imħallef Dr. Cremona);

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi:

Billi teskludi l-istanza, bl-ispejjeż kontra l-attur.